# Emanuel Benjamin Vella

*(20.VI.1899 - 02.V.1946)*



Twieled il-Mosta fl-20 ta' Ġunju 1899. Huwa studja biss fl-Iskejjel Elementari tal-Gvern u bil-qari ta' kotba sar Assistent Surmast, Surmast u Spettur fl-Iskejjel. Kien iħobb l-istorja u l-arkeoloġija ta' Malta u l-lingwi. Studja l-Ingliż, it-Taljan u l-Malti. Sar ukoll awtur, u ppubblika l-istorja ta' diversi rħula fosthom Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja Tiegħu; iż-Żejtun u Marsaxlokk; Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid; Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha; Storja tal-Mosta bil-Knisja; u Ġabra ta' Ward - L-Ewwel u t-Tieni Ktieb. Studja wkoll il-fdalijiet ta' l-antikitajiet fil-Mużew Nazzjonali u fil-Monumenti Neolitiċi. Studja wkoll l-lingwa orjentali fl-Università ta' Londra. Huwa miet il-Mosta fit-2 ta' Mejju 1946 u ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolarata.

# Mhux Kulħadd Jintesa

*Tifkira tas-sittin sena mill-mewt ta' EMANUEL BENJAMIN VELLA - (20.VI.1899 - 02.V.1946)*

---

**minn Joseph J. Camilleri**

Bħal l-ilma tax-xmajjar għaddej
Jintilef fil-wasa tal-ibħra
Igerbu s-snin fuq il-ħajja
U dlonk il-preżent sar l-imgħoddi.
'Mma mhux bħal l-ilma għaddej
Jinħela, jinħeba fix-xejn
Għax għandu l-imgħoddi għall-bniedem
Tifsira li tfakkar ġrajjiet
U għadd t'ismijiet ta' min ħadem
Biex għandna illum dinja aħjar.

Inġeddu f'dal-jum fost il-ħafna
Il-fakra ta' ħuna l-Mosti
Li ħalla sew sew din id-dinja
Bħal lum sittin sena għaddew.

Tajt aktar milli stajt, tajt ħafna
-Għad ħajna l-mewt inkejjuża
Ħaditek għaliha wisq kmieni-
Mhux biss inti tennejt grajjiet Mosta
Bil-bini tal-maqdes Rotunda,
'Mma wkoll ta' parroċċi oħrajn.
Ta' siwi t-tagħlim ta' l-Istorja,
Tal-ħajja li għixu x-xjuħ tagħna.

Żammewk il-Mostin b'binhom dehni
U lilek ifaħħru f'kull ħin.
It-triq u l-istatwa fil-misraħ,
L-iskola li ismek iġibu
Ta' kemm għadek f'qalbhom ix-xhud.

Fuq kollox ħabbejt it-tagħlim.
Int ħdimt biex il-poplu jitgħallem,
L-iskejjel ikunu aħjar,
Tinqered il-bruda minn fostna ...
Bis-sħiħ lill-għalliem ħarriġt.
Il-Malti mitkellem ħabbejt
Bl-idjoma magħżula, mirquma.
Kemm kotba 'tal-ward' fewħu l-arja
Matul erbgħin sena fl-iskejjel.

*Ix-xemx niżlet,*
*Il-qamar tala',*
*Il-baħar sieket,*
*Ir-raħal ħiemed,*
*"Żirr, żirr, żirr", qal il-werżieq.*
*Il-qanpiena daqqet,*
*Kulħadd talab,*
*Id-dawl intefa,*
*U kulħadd raqad.*

Tiftakar in-nanna xi qrat
Snin ilu fil-klassi taż-żgħar
It-tajjeb li tagħmel tul ħajtek
Li tħalli it-tifkira warajk.

U hekk lil Manweli u 'l sħabu
Li jqanqlu u jġeddu l-memorji
Infakkru isimhom. Nixbhuhom
Biex bħalhom inkunu ta' ġid
Għal sħabna, għall-Mosta, għal Malta,
Biex bħalhom isimna ma jmutx.

2 ta' Mejju, 2006.